**NOVENA TAL-MEWT TAL-MISSIER TAGĦNA BENEDITTU.**

**I**

O Maħbub minn Alla mqaddes Patriarka San Benedittu fil-waqt li d-dinja kienet tinsab taħt il-jasar ta' Prinċipji Eretiċi, kienet qegħda f'lejl l-izjed oskur ta' taħsir ta' kostumi u ta' erruri; inti bħal dawl l-iżjed ċar, kont mgħoti lil Knisja mqaddsa, biex turi lin-nagħgiet mitlufa t-triq id-dritta, twassalhom għal merħla ta' Ġesu' Kristu. Illumina l'intellett tagħna biex nagħrfu kemm għal ħtijiet tagħna konna mbegħdin minn Alla nibdew minn issa stess nobgħodhom nipproponu li ma rridux niddistakkaw ruħna mill-veru Pastur tagħna Ġesu' Kristu, imma nesegwitaw dejjem il-pedati tiegħu.

**P.A.G.**

**II**

O Imqaddes Patrijarka illi pprevenut minn Alla bil-benedizjoni tal-ħlewwa kont imbierek fil-grazzja u fl-isem u writt il-benedizjoni ta' Ġakobb, immeritajt tkun imsoqqi bin-nida ċelesti tal-perfetta kontemplazjoni, mgħoni bil-virtu' kollha w mżejjen b'familja numerusa u mqaddsa. Agħtina l-ispirtu tiegħek sabiex nimitawk f'din dinja nirrendu ruħna denji li nisimgħu fl-aħħar Ġudiżżju: Ejjew imberkin mil-Missier tiegħi biex tippossedu r-renju tas-sema għalikom imhejji sa mil-bidu tad-dinja.

**P.A.G.**

**III**

O Imqaddes Patrijarka illi Gdid Abram fil-liġi tal-Grazzja abbandunajt l-għana, l-pajjisek u l-nisek u bżajt li ttabba l'Innoċenza tiegħek irtirajt solitarju fid-deżert, fejn għaddejt ħajja ta' l-Angli u bdejt il-karriera ta' l-iżjed għolja Perfezzjoni. Aqgħilinna veru distakkament mil-vanita' kollha tad-dinja u mħabba kbira għas-solitudni biex hekk imbegħdin mit-taħbit tas-seklu nkunu denji tat-tgħannieq tal-Għarus tagħna Ċelesti.

**P.A.G.**

**IV**

O Imqaddes Patrijarka illi pperseverajt fil-grotta ta' Subiaco f'iżjed ħarxa penitenża rrendejt il-ġisem tiegħek hekk soġġett għal ispirtu li ma kienx lilek diffiċli li tissupera t-tħajjir tas-sensi, l-invidja tad-demonju u l-għana li ħallejt. Aqgħilinna l-veru spirtu ta' mortifikazjoni biex inakksu l-passjonijiet tagħna ribelli ikonna forża li nirresistu u invinċu t-tentazjonijiet kollha.

**P.A.G.**

**V**

O Imqaddes Patrijarka, illi fit-tnax il-Monasteru minnek fondati, biex tgħallem lis-segwaċi tiegħek, ridt tesprimi n-numru imqaddes tat-tnax il-tribu tal-Kulleġġ

Apostoliku, u tal-bwieb ta’ Ġerusalem Ċelesti, illi fihom jiġi illodat kontinwament il-glorji t’Alla. Eċċita fina xewqa kbira li dejjem attentament f’dina l-art nillodaw il-Maesta’ t’Alla, biex hekk nimmeritaw li nkunu magħdudin fost it-tnax-il elf li jakkumpanjaw fis-sema l-melodija ta’ l-Anġli.

**P.A.G.**

**VI**

O Imqaddes Patrijarka li bi stint Divin abbandunajt is-solitudni ta’ Subiaco sirt Appostlu mort f’Monte Cassino fejn bil-kontinwa predikazjoni tiegħek keċċejt minn dak il-lok id-demonju u rriduċejt dawk il-popli għal fidi ta’ Ġesu’ Kristu. Qawwi fina l-fidi biex nopperaw dejjem is-sewwa, nkunu ta’ esempju l-proxxmu tagħna u mbegħdu mill-qalb tagħna l-idolu tad-dnub nirrendu ruħna denji abitazjoni tal-Maesta t’Alla.

**P.A.G.**

**VII**

O Imqaddes Patrijarka li korrispondenti għall-ħajja kienet il-mewt tiegħek għaliex minn triq tapezzata minn arazzi u spledida innumerabli lampadi miftuħa minnek bl-eserċizju ta’ singulari virtu’. Inti dħalt fil-visjoni beata. Għamel li bil-protezjoni tiegħek nissegwitawk fit-triq tal-qdusija biex nimmeritaw fil-pont tal-mewt tagħna l-assitenza tiegħek u meħudin minnek fil-preżenża t’Alla nimmeritaw il-kuruna tal-Glorja.

**P.A.G.**

**TALBA**

O Agustissimu Missier tagħna Patrijarka San Benedittu speranza u solliev ta’ dawk li rrikorru għandek mixħutin quddiemek bil-qalb kollha nirrikmandaw ruħna fil-protezjoni tiegħek u nitolbu għal eċċellenza tal-merti tiegħek li tiddefendina minn dak kollu li hu kuntrarju għar-ruħ tagħna u għal ħniena tiegħek taqgħilinna illi bid-dmugħ ta’ vera ndiema nibku dnubietna, illi bihom sa minn ċkunitna pprovokajna l-qilla t’Alla, nimmeritaw li naqilgħu l-maħfra tagħhom mingħajr ma nisseparaw qatt ruħna minnek. Iva, iva għamlu O Missier tagħna biex nistgħu flimkien ma l-innumerabli multitudni tal-wlied tiegħek nillodaw perpetwament miegħek il-Maesta Divina. Hekk Ikun.
Santíssime Conféssor Dómini monachórum Pater et Dux Benedícte, intercéde pro nostra omiúmque salúti.

Sante Pater Benedicte intercede pro nobis.
Ut digni efficiamur promissionibus Christi.

Oremus.

Excita, Dómine, in Ecclésia tua Spíritum, cui beátus Pater noster Benedíctus Abbas servívit: ut eódem nos repléti, studeámus amare quod amávit, et opera exercére quod dócuit. Qui vivis et regna in secula seculorum. Amen.

## LITANIJA TA' SAN BENEDITTU

Mulej ħniena
Kristu ħniena
Mulej ħniena
Kristu ismagħna
Kristu ilqa' t-talb tagħna

| | |
|---|---|
| Missier Etern Alla | henn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | “” |
| Spirtu Mqaddes Alla | “” |
| Trinita' Mqaddsa Alla wieħed | “” |
| Imqaddsa Marija | itlob għalina |
| Missierna San Benedittu | “” |
| Gieħ tal-Patrijarki | “” |
| Legislatur tar-Regola Mqaddsa | “” |
| Ezemplar tar-virtu' kollha | “” |
| Mgħallem tal-Perfezjoni | “” |
| Gemma tal-Qdusija | “” |
| Missierna San Benedittu | “” |
| Xemx li tilumina l-knisja ta' Kristu | “” |
| Kewba li tiddi fid-dar t'Alla | “” |
| Standart tal-Qaddisin kollha | “” |
| Serafin mixgħul b'imħabba t'Alla | “” |
| Kerubin imżejjen b'għerf tas-Sema | “” |
| Tawmaturgu ammirabli | “” |
| Missierna San Benedittu | “” |
| Mera tar-Reliġjużi kollha | “” |
| Trionfatur tad-demonju | “” |
| Qerda ta' l-idoli | “” |
| Glorja tal-konfessuri | “” |
| Konsolatur tal-erwieħ | “” |
| Għajnuna lit-tribulati kollha | “” |
| Missierna San Benedittu | “” |
| Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | Aħfrilna nitolbuk Mulej |
| Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | Ismagħna nitolbuk Mulej |
| Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja | Henn għalina |

## Talba tal-Patroċinju

Taħt il-mant tal-Patroċinju tiegħek aħna nistkennu Missier tagħna San Benedittu, la tirruftax it-talb tagħna, iżda għinna u is-sokkorrina fil-bzonnijiet li

fihom ninsabu eħlisna mit-tentazjonijiet kollha viżibbli u nviżibbli u ndenja ruħek li twassalna fil-glorja tal-ġenna għal merti tas-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu.
V/. Dan hu l-maħbub t'Alla San Benedittu
R/. Li mis-sema jiddefendi l-ulied tiegħu.

## Talba

Nitolbu. O Mulej li bi ġmiel mill-isbaħ u tal-għaġeb il-mewt bla tarf għaziza tal- Imqaddes Patrijarka Benedittu li għoġbok iżżejnu bil-ħrara nitolbuk li kif hu mis-sema jiġi waqt il-mewt tagħna u magħna jieqaf sa kemm mill-qerq tal-egħdewwa rebbiħin noħorġu. F'gieh Sidna Ġesu' Kristu. Hekk Ikun.

## Nel giorno della festa

| | |
|---|---|
| Kyrie eleison | |
| Christe eleison | |
| Kyrie eleison | |
| Christi exaudi nos. | |
| Christi exaudi nos. | |
| Pater de cælis Deus | miserere nobis |
| Filii Redemptor Mundi Deus | “” |
| Spiritus Sancti Deus | “” |
| Sancta Trinitas Unus Deus | “” |
| Sancta Maria | ora pro nobis |
| Sante Pater Benedicta | “” |
| Deus Patriarcharum | “” |
| Regislator S. Regula vivendi | “” |
| Exemplar virtum omnuim | “” |
| Magister Perfectionis | “” |
| Gemma Sanctitatis | “” |
| Sante Pater Benedicta | “” |
| Refulgens in Ecclesie Christi | “” |
| Stella lucens in Domo Dei | “” |
| Vescillefere tot Sanctorum | “” |
| Seraphim Infiammatum | “” |
| Cherubim Trasformatum | “” |
| Patrator Mirabilium | “” |
| Sante Pater Benedicta | “” |
| Speculum Canobitarum | “” |
| Triumphator Demonum | “” |
| Extirpator Idolorum | “” |
| Gloria Confessorum | “” |
| Consolator Animarum | “” |
| Adjutor in tribulationibus | “” |

Sante Pater Benedicta “”
Agnus Dei qui tollis peccata mundi miserere nobis
Agnus Dei qui tollis peccata mundi miserere nobis
Agnus Dei qui tollis peccata mundi dona nóbis pácem

Sub tuum sanctum Patri animarum confugimus Sante Pater Noster Benedicti nostras deprecationes ne despicias in omnibus necessitatibus tribulationibus et tentationibus nostris, sed occure adjuva et libera nos, aboste maligno tam visibili quam invisibili, et perducere digneris nos in Nomine Domini Nostri Jesu Christi ad vitam aeternam. Amen.

s